# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.2

**Kap 2: Ejja nsiru aħjar**

**Lezzjoni 2.2: Tlaqna lejn l-iskola u fil-għaxija.......**

**L-għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jifhmu l-irwol li għandha l-iskola f'ħajjithom u jifhmu bil-modi diversi kif f'dan l-ambjent huma jikbru f'ċittadini tajbin.
2. Jifhmu l-importanza tal-għaqdiet reliġjużi f'ħajjithom, liema għaqdiet huma parti mill-Knisja.
3. Jifhmu għalfejn għandhom jattendi dawn l-għaqdiet.
4. Jisimgħu kif anke Ġesù kien imur jitgħallem.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Kitba ta' *role-play* bil-punti għad-Diskussjoni fi gruppi

- Żewġ attivitajiet fuq l-Interactive whitebord

- The Boy Jesus In The Temple : YouTube Link
http://www.youtube.com/watch?v=il9Z39tDhGEhttp://www.youtube.com/watch?v=il9Z39tDhGE

- Year 4 2.2 worksheet



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Agħti l-*iscript* tar-*role-play* lil tlett itfal ħalli jaqrawh fil-klassi b'vuċi għolja u b'ton addattat.
- Qassam il-klassi f'4 gruppi u agħti mistoqsija ta' riflessjoni lil kull grupp. Agħti 10 minuti ċans sakemm jiddiskutu fil-grupp tagħhom. Wara agħmel evalwazzjoni.



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**



1. Spjega li barra d-dar li hija l-ewwel komunità, l-iskola hija t-tieni komunità li mmorru b'mod regolari.

2. Spjega x'inhuma l-irwoli differenti tal-iskola. L-iskola ma mmorrux biss biex nitgħallmu suġġett imma biex nitgħallmu kif naħdmu mal-oħrajn, inqassmu l-ħin sew, nitgħallmu nsolvu sitwazzjonijiet diffiċli u kif insibu riċerka u informazzjoni. Barra l-iskola aħna niskopru aktar lilna nfusna meta nattendu f'xi għaqda. Hawnhekk hawn aktar spazju u ħin fejn nistgħu nisfruttaw it-talenti tagħna għall-ġid tal-oħrajn. F'għaqda nitgħallem aktar inwassal l-opinjoni tiegħi, nuża l-ħin liberu tiegħi billi nipprattika xi sport jew delizzju ma' ħaddieħor u wkoll nitgħallem aktar dwar Ġesù.

3. Spjega kif Ġesù wkoll kien imur jitgħallem. Għalkemm mill-Evanġelju ftit li xejn insibu informazzjoni, nafu li Ġesù kien iben mastrudaxxa u ta' tnax–il sena kien imur is-sinagoga jitgħallem l-Kelma t'Alla: "U *Ġesù kien ġej 'il quddiem fil-għerf, fit-tul u fil-grazzja ma' Alla u mal-bnedmin." (Lq 2: 52)*

4. Staqsi kif jaħsbu li kien iġib ruħu Ġesù. Inkuraġġixxi li kulħadd jagħti sehmu fid-diskussjoni.

5. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.2 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex jiddiskutu flimkien Attività 1. Wara jkun hemm ħin biex huma jpinġu t-tajbin.

6. Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi għin lit-tfal jimlew il-vojt bil-kliem mogħti.

7. Attività 3. Oħloq diskussjoni dwar l-importanza tal-għaqdiet fil-ħajja tagħhom.

8. Ikkondludi l-lezzjoni billi tiftaħ l-IWB u huma flimkien jaħdmu l-attivitajiet mogħtija. Ara int jekk tridx tispiċċa bis-silta mill-Youtube ta' Ġesu fit-tempju.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. L-iskola nitgħallmu suġġetti differenti, niskopru t-talenti tagħna u nitgħallmu naħdmu ma' ħaddieħor.

2. Aħna ma nitgħallmux l-iskola biss. Dawk li jieħdu ħsiebna fil-familja u fl-għaqda li nattendu jgħinuna niżvilluppaw it-talenti tagħna wkoll.




3. Ġesu' kien imur jitgħallem . Kien jieħu t-tagħlim bis-serjetà. Kien ukoll juri mħabba u jgħin kull fejn ikun.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li, kemm fl-iskola kif ukoll fl-għaqda li jattendu, japprezzaw kemm l-għalliema u l-katekisti jgħinuhom jitgħallmu.

It-tfal juru li għalkemm għadhom żgħar dak li jitgħallmu issa jiswielhom biex meta jikbru ħalli meta jikbru jkunu lesti għad-dinja tax-xogħol u jkunu dejjem ċittadini tajbin imżejna b'valuri sodi.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



## Nitolbu

Mulej Ġesù, żomm idejk fuq il-ġenituri,

l-għalliema u l-katekisti ħalli jkomplu

jgħinuna nikbru f'ċittadini tajbin u nagħrfu

nagħżlu tajjeb u naħarbu l-ħażin.

